**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Frar, 2025

Rikors Ġuramentat: 290/12AL

**A B (K.I. 244373 M) u b'digriet tat-30 ta' Marzu 2015 ġiet nominata bħala kuratriċi ad litem ta' bintha minuri S M S u b'digriet tas-17 ta' Mejju 2024 l-isem "M" ġie korrett għall-isem "V"**

**vs.**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**u**

**l-Avukat Dr Noel Bartolo u l-PL Doreen Aquilina noe**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

[1] fol 1-2

*Illi minn relazzjoni intima li l-attriċi kellha ma' l-intimat M K twieldet tifla, M* (u b'digriet tas-17 ta' Mejju 2024 l-isem "M" ġie korrett għall-isem "V")*, fis-sitta u għoxrin (26) ta' Novembru, 2011 skond l-Att tat-Twelid hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'MA 1';*

*Illi l-imsemmija minuri S M* (u b'digriet tas-17 ta' Mejju 2024 l-isem "M" ġie korrett għall-isem "Q") *ġiet reġistrata fl-Att tat-Twelid relattiv bħala bint il-konvenut;*

*Illi nonostante dan u kif ser jirriżulta waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża, il-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri msemmija, huwa l-konvenut mejjet M K . u mhux il-konvenut N S.*

*Illi l-attriċi A B u l-konvenut M K kienu ser jibdew il-proċeduri relattivi sabiex l-istess konvenut jirrikonoxxi lill-minuri S M* (u b'digriet tas-17 ta' Mejju 2024 l-isem "M" ġie korrett għall-isem "V") *bħala bintu naturali għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi pero` t-testijiet xjentifiċi tad-DNA Paternity Test Report ma sarux u dana stante li l-intimat M K miet nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Ġunju, 2012;*

*Illi l-attriċi għandha interess li l-minuri S M* (u b'digriet tas-17 ta' Mejju 2024 l-isem "M" ġie korrett għall-isem "V") *tiġi reġistrata bħala l-wild naturali ta' l-intimat M K;*

*Illi l-attriċi taf b'dawn il-fatti kollha personalment.*

*Jgħidu għalhekk il-konvenuti jew min minnhom għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1) *Tiddikjara u tiddeċiedi li t-tifla minuri S M S* (u b'digriet tas-17 ta' Mejju 2024 l-isem "M" ġie korrett għall-isem "V") *m'hijiex il-wild naturali tal-konvenut N S;*

2) *Tiddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi illi l-konvenut M K huwa l-missier naturali tal-minuri S M S* (u b'digriet tas-17 ta' Mejju 2024 l-isem "M" ġie korrett għall-isem "V") *u dan wara li jsiru t-testijiet xjentifiċi tad-DNA neċessarji;*

3) *Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-Att tat-Twelid bin-numru 4818/2011, inkluż billi fl-istess att jitneħħew il-kliem 'N S' fil-kolonna ta' l-isem ta' missier it-tarbija u jidħlu l-kliem 'M K';*

4) *Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jippubblika att tat-twelid ieħor hekk kif korrett.*

*Bl-Ispejjeż ta' din l-kawża kontra l-konvenuti li minn issa jinsabu inġunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat kopja taċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri S M bin-numru 4818 tat-2011;[2]

Rat id-digriet tat-30 ta' April 2013[3] li permezz tiegħu il-Qorti, wara talba tal-attriċi,[4] appuntat lill-Avukat Dr Noel Bartolo u l-PL Doreen Aquilina, bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-mejjet M K;

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku[5] li eċċepiet kif ġej:

1. *Illi preliminarjament l-esponenti jirrileva, li din l-azzjoni hi intempestiva, stante l-fatt li ladarba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri S M S, din l-azzjoni kellha*

---

[2] Fol. 5.
[3] Fol. 10
[4] Rikors tat-22 ta' Marzu 2013.
[5] Fol. 31.

*tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-Artikolu 77 Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u l-interessi tal-minuri S M S, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għal proċediment tal-azzjoni odjerna;*

2. *Illi preliminarjament għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponenti tidher li hemm nieqsa l-awtorizazzjoni meħtiġa li permezz tagħha A B ġiet maħtura bħala kuratriċi ad litem tal-minuri S M S skond id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal- Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi in vena preliminari wkoll huwa essenzjali għall-integrita` tal-ġudizzju li l-werrieta ta' M K jkunu msejħa fil-kawża ġaladarba f'din l-istanza qed jintalab li l-isem tad-defunt jiġi inserit fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri S M S. Se mai, l-interessi ta' l-intimat M K għandhom jiġu rappreżentati mill-eredi tiegħu u mhux minn kuraturi deputati. Infatti l-Artikolu 929 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta dwar l-kuraturi, ma jipprovdix sabiex jiġu nominati kuraturi għal persuni li hu ben magħruf li huma mejta.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ma jistax jifhem ir-rikjesta tar-rikorrenti kif interposta fir-raba` talba tar-rikors tagħha, stante l-fatt ukoll li fit-tielet talba ta' l-istess rikors, r-rikorrenti qed titlob korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid tal-minuri. Għalhekk l-esponent qed jistieden lir-rikorrenti sabiex tikkjarifika t-talba tagħha f'dan ir-rigward.*

5. *Illi in vena prelminari, għall-finijiet ta' kjarezza tal-ġudizzju, fir-rigward tat-tielet talba fir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti, in-numru tar-reġistrazzjoni ta' L-Att tat-*

*Twelid tal-minuri S M ġie erronjament imniżżel bħala 1065884. Milli-Atti tar-Reġistru Pubbliku annessi ma' l-istess rikors jirriżulta li n-numru tar-reġistrazzjoni progressiv hu 4818 tas-sena 2011. Jirriżulta ukoll illi fl-istess talba l-ismijiet tal-konvenuti ġew erronjament imniżżla bħala 'N' u 'M' minflok N u M hekk kif huma imniżżla fl-okkju tal-kawża. Għalhekk għandhom isiru l-korrezzjonijiet debiti kif interposti hawn fuq, fl-atti tar-rikors odjern;*

6. *Illi qed jiġi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri S M S, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors guramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

7. *Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifla S M S, hija kellha relazzjoni extramaritali ma' l-intimat M K, ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

8. *Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll tegħleb il-preżunzjoni legali maħluqa bis-saħħa ta' l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri S M S ma' jaqbilx ma' l-att tat-twelid tagħha bin-numru ta' iskrizzjoni 4818 tas-sena 2011;*

9. *Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jinvita lir-rikorrenti A B sabiex permezz ta' nota tispeċifika d-dettalji personali kollha tal-*

*intimat M K, senjatament (1) id-dokument tal-Identità, (2) l-età tiegħu meta twieldet il-minuri S M S, (3) il-post tat-twelid tiegħu, (4) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija minuri, (5) isem u kunjom ta' missieru u (6) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet it-tifla S M S. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita S M S bin-numru ta' registrazzjoni progressiv 4818 tas-sena 2011;*

*10. Illi bla ħsara għal premess, f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definitiv liema kunjom għanda tassumi l-minuri S M S a tenur tal-Artikolu 77ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta*

*11. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoggettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

*12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati[6] appuntati sabiex jirrapreżentaw l-interessi tal-mejjet M K li biha eċċepew illi:

*1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jottjenu informazzjoni dwar l-interessi tal-*

---

[6] Fol. 34.

*mejjet M K u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista ghandha dwar familjari jew qraba tal-istess mejjet M K;*

*2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri*

Rat il-lista ta' xhieda tal-Kuraturi Deputati;

Rat ir-risposta tal-konvenut N S[7] li biha jiddikjara li ma huwiex jikkontesta t-talbiet attriċi b'dan illi l-ispejjeż għandhom jintrefgħu mill-attriċi omm;

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenut N S;

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Marzu 2015[8] li bih il-Qorti laqgħet it-talba attriċi biex tawtorizzaha tirrappreżenta lill-minuri S A bħala kuratriċi *ad litem*;

Rat id-digriet tal-Qorti tat-18 ta' Settembru 2018[9] li bih il-Qorti fuq talba tal-attriċi, appuntat lil Dr Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Alison Wedge sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-konvenut N S li issa kien assenti u r-risposta tal-Kuraturi appuntati[10] li biha ddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti tal-każ;

Rat illi waqt is-seduta tas-6 ta' Frar 2020[11] ġiet irtirata l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u ġie rilevat illi t-tieni eċċezzjoni ġiet sorvolata permezz tar-rikors attriċi tal-15 ta' Marzu 2013, kif milqugħ u rigward il-ħames eċċezzjoni ġew mitluba l-korrezzjonijiet meħtieġa u għalhekk din l-eċċezzjoni wkoll ġiet sorvolata;

---

[7] Fol. 50.
[8] Fol. 58.
[9] Fol. 90.
[10] Fol. 104.
[11] Verbal a fol. 113.

Rat illi b'digriet tat-2 ta' Frar 2021[12] il-Kuratriċi Deputata Dr Alison Wadge ġiet sostiwita bil-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil;

Rat li u b'digriet tas-16 ta' Ġunju, 2021[13] il-Kuratur Deputat Dr Noel Bartolo ġie sostitwit b'Dr Daniel Attard;

Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Diċembru 2023[14] li bih ordnat lill-attriċi titlob l-awtorizazzjoni meħtieġa sabiex jsiru l-korrezzjonijiet kollha meħtieġa rigward l-isem tal-minuri sabiex l-istess ikun konformi ma' dak li hemm reġistrat fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha u sabiex tissorvola t-tielet u r-raba' eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku mill-iktar fis possibbli u dan sabiex il-kawża tkun tista' titkompla b'mod regolari u konsistenti mal-liġi proċedurali;

Rat ir-rikors tal-attriċi tas-16 ta' Mejju 2024[15] u d-digriet tal-Qorti tas-17 ta' Mejju 2024[16] li bih il-Qorti laqgħet it-talba biex kull fejn hemm indikat *M* bħala isem il-minuri, dan jinbidel għal *A* ai termini tal-artikolu 175(1) tal-Kap 12;

Rat illi saru n-notifiki neċessarji;

Rat in-nota tal-attriċi tas-16 ta' Mejju 2024, bil-*visto* tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fejn ġew trattati t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tad-Direttur;

Rat il-provi miġjuba mill-attriċi;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;[17]

---

[12] Fol. 119.
[13] Fol. 126.
[14] Fol. 165.
[15] Fol. 170.
[16] Fol. 172.
[17] Verbal tat-30 ta' Ottubru 2024 a. fol. 178.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Ikkunsidrat**

Illi din hija kawża rigward il-paternità ta' minuri ppernjata fuq l-artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili fejn l-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara lill-mejjet M K bħala l-missier naturali ta' bintha il-minuri.

Illi dina l-Qorti għandha eċċezzjonijiet preliminari li ġew quddiemha u għandhom jiġu deċiżi minnha, uħud ġew issorvolati fil-mori tal-proċeduri senjatament l-ewwel, it-tieni u l-ħames eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, però dawk li fadal, u *ċioé* it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari tad-Direttur huma tali li deċizjoni fuq waħda tiddetermina lil oħra u għaldaqstant ser tiddeċiedi l-ewwel fuq dik l-eċċezzjoni preliminarji li hija detrimentali għall-bqija tal-andament tal-kawża.

Il-Qorti sejra għalhekk tiddisponi l-ewwel mit-tielet eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u *ċioé*:

*"3. Illi in vena preliminari wkoll huwa essenzjali għall-integrita` tal-ġudizzju li l-werrieta ta' M K jkunu msejħa fil-kawża ġaladarba f'din l-istanza qed jintalab li l-isem tad-defunt jiġi inserit fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri S M S. Se mai, l-interessi ta' l-intimat M K għandhom jiġu rappreżentati mill-eredi tiegħu u mhux minn kuraturi deputati. Infatti l-Artikolu 929 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta dwar l-kuraturi, ma jipprovdix sabiex jiġu nominati kuraturi għal persuni li hu ben magħruf li huma mejta."*

**Ikkunsidrat**

Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku qiegħed hawn iqajjem l-eċċezzjoni tal-integrità tal-ġudizzju *stante* li ma ġewx imsejjħa fil-kawża l-eredi tal-mejjet konvenut M K, iżda sempliċiment

ġew appuntati kuraturi sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-mejjet.

Din l-eċċezzjoni fl-ebda mument fil-proċeduri ma ġiet sorvolata jew irtirata u għalhekk f'dan il-mument għadha eċċezzjoni ħajja li trid tiġi deċiża. Il-Qorti ma taqbilx mal-attriċi meta din tgħid li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma oġġezzjonax għat-tali ħatra u "*ghaldastant hu stess accetta tali hatra u ssana tali hatra matul is-snin.*" Meta wieħed jara d-data tad-digriet li bih ġew appuntati l-Kuraturi għad-defunt M K wieħed jara li dan kien fil-30 ta' April, 2013, qabel ma d-Direttur kien għadu rrisponda għall-kawża. L-eċċezzjonijiet fil-fatt ġew intavolati fl-20 ta' Mejju 2013 u għalhekk wara li ġew appuntati l-kuraturi u fihom id-Direttur qajjem din l-eċċezzjoni u għalhekk permezz tal-istess huwa wera li ma hux qed jaqbel mat-tali ħatra li kienet diġà saret. Sussegwentement għal dan, għalkemm fis-seduta tas-6 ta' Frar 2020, ġew sorvolati tlieta mill-ħames eċċezzjonijiet preliminari, din l-eċċezzjoni la ġiet sorvolata u lanqas irtirata mid-Direttur u għalhekk hemm id-Direttur baqa' jinsisti fuqha. Għalhekk din l-eċċezzjoni trid tiġi deċiża.

Kif intqal fl-Appell Ċivili fl-ismijiet **Żahra Dedomenico et vs Żahra Dedomenico**[18] l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju hija waħda dilatorja li trid titqajjem – bħalma sar f'dan il-każ – fil-bidu tal-kawża. In-natura tal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju hija mibnija fuq tliet (3) konsiderazzjonijiet ewlenin, jiġifieri (i) fuq il-ħtieġa li f'kawża jieħdu sehem dawk kollha li huma interessati fil-kwestjoni, (ii) li jiġi assikurat li l-ġudizzju jkun wieħed effikaċi, u (iii) li jitħares kemm jista' jkun il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju.

Illi s-siwi tal-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju jrid ta' bilfors jitqies fil-qafas tan-natura tal-azzjoni li fiha titqajjem dik l-eċċezzjoni. Fil-każ tal-lum, l-azzjoni hija waħda li biha l-attriċi qed titlob illi l-Qorti tiddikjara li l-konvenut mejjet

[18] App Ċiv. 15.1.1992 (Kollez. Vol: LXXVI.i.182).

M K, jitniżżel fuq iċ-ċertifikat tat-twelid ta' bintha, bħala missierha minflok isem N S, konvenut ukoll f'din il-kawża.

Il-Qorti hawn ma tistax tidħol fil-mertu ta' dak li rriżulta mill-provi, dak jiġi fi stadju ulterjuri, iżda trid biss tiddeċiedi f'dan il-każ jekk hemmx nuqqas ta' integrità ta' ġudizzju peress li ma ġewx imsejħa fil-kawża l-eredi tal-mejjet. Il-Qorti għalhekk trid tara fl-ewwel binarju kienx korrett li jitqabbdu kuraturi biex jirrappreżentaw lill-mejjet M K u fit-tieni binarju jekk kienx neċessarju li fil-kawża jiġu msejjħa l-eredi tal-mejjet.

L-Artikolu 929 tal-Kap 12 jgħid kif ġej:

*"Barra mill-każijiet li fihom dan il-Kodiċi jipprovdi espressament għall-ħatra ta' kuraturi, il-qorti tista' wkoll taħtar kuraturi biex jidhru u jiddefendu fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri –*

*(a) fl-interess ta' nies assenti, jew taħt l-età li ma jkunux rappreżentati skont il-liġi, jew ta' persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom, jew ta' interdetti, jew ta'persuni inċerti li jistgħu jiġu msejħa għal fedekommess jew għal wirt battal li ħadd ma jidher għalih skont il-liġi, jew ta' persuni li 'l quddiem jistgħu jiġu msejħa għal dan il-fedekommess jew wirt; jew*

*(b) fl-interess ta' persuna li ma jkunx magħruf jekk hix ħajja jew li tkun maħsuba mejta, meta, għall-eżerċizzju ta' azzjoni, ikun meħtieġ li tissejjaħ dik il-persuna b'att ġudizzjarju; jew*

*(c) fl-interess ta' persuna maħsuba mejta, meta persuna oħra tkun trid tidħol fil-jeddijiet ta' dik il-persuna; jew*

*(d) fl-interess ta' kull soċjetà kummerċjali reġistrata jew stabbilita taħt l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali jew*

*kull liġi oħra li tissostitwixxi l-istess Ordinanza jew kull għaqda ta' persuni jew organizzazzjoni oħra jekk il-persuna jew il-persuni li jkunu mogħtija r-rappreżentanza tas-soċjetà jew tal-għaqda jew tal-organizzazzjoni jkunu assenti minn Malta jew jekk ebda persuna jew persuni kif imsemmija, jew biżżejjed persuni ma jkunu mogħtija dik ir-rappreżentanza.*

F'din il-kawża l-attriċi kienet taf ben tajjeb li l-konvenut M K kien mejjet u fil-fatt **tindikah bħala mejjet fir-rikors promotur stess** u għalhekk ma jirrispekjax taħt l-Artikolu 929 tal-Kap 12 bħala *li ma jkunx magħruf jekk hix ħajja* jew *li tkun maħsuba mejta.* Il-Qorti għalhekk taqbel mal-parti tal-eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fejn jgħid li l-kuraturi ma jitqabdux f'dan il-każ u *se mai* huma l-eredi li għandhom jirrappreżentaw l-interessi tal-mejjet.

Fil-fatt fi kwistjonijiet simili bħal ma kienet il-kawża fl-ismijiet **A sive BC *pro et noe* vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et**[19] il-kawża ssir kontra l-eredi a nom u in rappreżentanza tal-eredità tal-mejjet.

Oltre minn hekk tenur tal-Artikolu 809 tal-Kap 16, f'każ li jiġi stabbilit illi l-minuri hija wild naturali tad-defunt M K, l-eredità preżunta tad-defunt M K, tkun tispetta lill-istess minuri, bħala l-eredi tiegħu **u għalhekk l-eredi għandhom interess fil-kawża**. Kif jgħid l-Artikolu 237 tal-Kap 12 "*Is-sentenza ma tista' tkun qatt ta' ħsara għal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz tal-awturi jew ta' rappreżentant leġittimu tiegħu, ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza."*

L-eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fir-rigward tal-ispejjeż tal-kawża hija wkoll ġustifikata in kwantu l-entità pubblika ma hi bl-ebda mod responsabbli għall-fatti li taw lok għal din il-kawża.

---

[19] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-28 ta' Mejju 2020 (Rik. Ġur. Nru. 181/2017 AGV).

In vista tal-premess, ma jifdalx ħtieġa biex il-Qorti tiddisponi mir-raba' eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u kwindi se tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

GĦALDASTANT u tenut kont tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula u l-ġurisprudenza ċitata, din il-Qorti tqis li t-tielet eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandha tintlaqa' u l-Qorti għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attriċi.